**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 9 ta' Ottubru 2020**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**JOANNE ELLUL**
**RENO AZZOPARDI**

**KUMP NRU 475/2007**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputati**, Joanne Ellul detentrici tal-karta tal-identita` numru 14978(M) u Reno Azzopardi detentur tal-karta tal-identita` nurmu 457084(M),** gew akkuzati talli :

1. F'Jannar 2007 u fis-snin immedjatament precedenti f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamiltu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejtu b'qerq iehor, ingann, jew billi urejtu haga b'ohra sabiex iggieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqlutama jew biza dwar grajja kimerika, ghamiltu qligh ta' aktar minn elf lira Maltin (Lm1000) ghad-dannu ta' Saviour

Camilleri ai termini tal-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprijajtu ruhkom, billi dawwartu bi profit ghalikom jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilkom tahttitolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta' Saviour Camilleri, ai termini tal-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

3. Akkuzati wkoll talli ksirtu l-provvedimenti tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 u tal-Artikolu 22 tal-Kap 442 *et sequitor* billi ksirtu il-kundizzjonijiet imposti fuqkom b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 07/02/2006.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qieset li dan il-process kien gie ghand din il-Qorti kif issa hija preseduta in segwitu ghall-assenjazzjoni ufficcjali li saret f'Awwissu 2013 wara li l-Magistrat sedenti dak iz-zmien kien gie elevat ghal Imhallef;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tat-13 ta` Ottubru 2008 (ara *folio* 86) u l-kunsens ta` l-imputati sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja moghti fl-udjenza tal-14 ta` Ottubru 2011 (ara *folio* 177);

**Ikkunsidrat**;

Illi l-provi mressqa f'dan il-procediment huma, fil-qosor, is-segwenti.

**Saviour Camilleri xehed nhar it-12 ta' Frar 2008 (ara folio 27)** u jikkonferma li sar jaf lill-imputati madwar Dicembru tal-2004 u wara ftit zviluppa relazzjoni ta' hbieb

maghhom aktar ma ghaddha z-zmien; tant li eventwalment kera hanut tal-pastizzi sabiex jahdmu n-negozju huma waqt li hu jiffinanzja il-progett. Dan sar fuq ftehim verbali. Eventwalment minhabba li x-xhud kien issepara u kien hassu lonely, hu kien ukoll mar jghix maghhom ghal xi zmien. Gara li fis-sittax ta' Awwissu 2006, Reno Azzopardi talab lix-xhud isellfu elf, seba' mija, sitta u sebghin lira maltin minghajr ma tah spjegazzjoni tar-raguni u x-xhud gibed u tah dawn il-flus. Fit-tmintax ta' Awwissu 2006, wara li x-xhud gibed l-ammont originali, Reno Azzopardi ghal darb ohra talbu jigbidlu mill-kont bankarju tieghu erbat elef u hames mija. Wara dan, ix-xhud gie konsapevoli li Reno Azzopardi akkwista Kawasaki KBD623, Rover convertable KAA053 kif wkoll Escort Mark1 JAO874. Fir-rigward tal-erbat elef u hames mija, dawn ma tawx raguni ghaliex rieduhom. Spjega x-xhud li kienu wkoll ikkonvincewh li kienu ser jixtru post bi shab u li kellhom bzonn l-erbat elef u hames mija ghall-konvenju u li l-post kien Rahal Gdid hdejn ic-cimeterju go xi side street pero rrizutla li dan ma kienx minnu. Ix-xhud spjega li b'kollox ghaddielhom madwar ghoxrin elf lira maltin tul il-perjodu u dan wara diversi skuzi differenti da parte tal-imputati. Spjega wkoll li kienu jzommulu l-ID card, u l-Cashlink tal-bank bl-iskuza li jekk izommhom hu, x’aktarx jitlifhom. Ix-xhud spjega li hu qatt ma kien talabhom il-flus lura pero wasal biex ghamel rapport mal-pulizija wara l-insistenza tal-familjari tieghu. Ix-xhud sostna li wara sar jaf ukoll li l-imputati kellhom xi problemi bid-droga. Ix-xhud spjega li ghandu l-kopji tac-cekkijiet li gew ukoll ipprezentati. Huwa spjega li ma hassux li seta jghix wahdu u ghalhekk kien qieghed jghix maghhom u jsajjrulu. Sostna li kien ukoll ha loan ta' hames mitt euro sabiex jixtri forn minhabba li wiegheduh li kellhom bzonnu. Gie pprezentat prospett tad-danni sofferti (ara fol. 168).

In kontro-ezami fl-1 ta Lulju 2014 (ara folio 198) ix-xhud sostna li kieku ma kienx ghall-pressure ta' missieru, huh u l-qraba, ma kienx jiftah dawn il-proceduri.

Bazikament ix-xhud jaghmel enfasi fuq il-fatt li l-akkuzati kienu fi qbil mieghu li hu jtiehom il-flus biex jinxtara post u jghixu lkoll flimkien biex ikunu jistghu iduru bih, izda minflok hekk, l-akkuzati xtraw xi vetturi bil-flus moghtija lilhom minnu.

**L-ispettur Maurice Curmi xehed nhar it-12 ta' Frar 2008 (ara folio 37)** u kkonferma li fit-tmintax ta' Ottubru tal-2006 il-vittma Saviour Camilleri kien ghamel rapport id-Depot fid-divizjoni tal-Frodi fejn allega li l-imputati Reno Azzopardi u Joanne Ellul, kien ghamel xi zmien jghix maghhom, madwar erba snin u fil-fatt dan qal li kellu x'jaqsam

sesswalment ma' Joanne Ellul u li tul dak iz-zmien ghaddielhom madwar ghoxrin elf lira b'parti minnhom allegatament fuq ftehim li ser jixtru dar biex jghixu t-tlieta li huma. Il-vittma qal li wara li saru hbieb, kienu ftehemu li ser jifthu business u kien taghhom madwar hames mitt lira sabiex jixtru l-apparat pero dan il-business qatt ma deher li rnexxa. Ix-xhud spjega li kienu talbuh il-flus sabiex jixtru l-post Rahal Gdid u haduh sahansittra quddiem il-post pero qalulu li is-sid ma taghhomx ic-cavetta u allura ma setghux jidhlu u jarawh. Semma li lil Azzopardi kien tah ukoll elf, seba mija u sitta u sebghin minhabba li Azzopardi qal li kellu bzonnhom biex jixtri Speed boat, pero din l-ispeed boat qatt ma raha l-vittma. Spjega wkoll li l-qallu li l-imputati kellhom ukoll il-bank cards tieghu u fill-fatt hafna mill-withdrawals tal-flus li kellu mal-bank li jghajtu lilu kienu ingibdu minnhom. Minn investigazzjonijiet ulterjuri rrizulta li t-tnejn kellhom xi problemi tad-droga; filfatt meta sussegwentement gew arrestati, ttiehdu darbtejn id-Detox minhabba withdrawal symptoms minhabba li kienu jiehdu l-eroina. L-imputati kienu taw stqarrijiet li gew pprezentati a folio 42 et seq.

**Carmelo Borg xehed nhar il-25 ta' Marzu 2008 (ara folio 60)** fejn sostna li hu kellu hanut gewwa Psaila Street, St. Venera tal-pastizzi li kien kera lil Reno Azzopardi pero dan qatt ma hallas il-kera tieghu. Spjega li dan il-hanut kien mikri ghal tmien xhur u hadu lura fl-10 ta' Frar 2007 wara kawza fil-qorti. Spjega li l-kera dovuta kella tkun ta' Lm6.50 pero mill-valur totali ma kien thallas xejn tant li eventwalment fetah kawza civili il-qorti. Ix-xhud spjega li Reno Azzopardi kien ikun akkumpanjat mill-imputata Joanne Ellul u kienet tkun mieghu fil-hanut.

**Fabrizio Borg xehed fil- 25 ta' Marzu 2008 (ara folio 64)** fejn spjega li hu kellu hanut tal-pastizzi 8, Ghajn Dwieli Road, Paola u kien biegh l-apparat tal-pastizzi lil Reno Azzopardi ghall-hanut li kien ser jiftah. Sostna li Reno kellu hanut l-Imsida u mbaghad iehor Birkirkara u kien xtara Catering equipment ghal tal-pastizzi. Spjega li b'kollox il-ftehim kien ghal-tmien t'elef lira (Lm8,000) u kien hemm ukoll skrittura bil-miktub pero sostna li darba kienu dahlulu l-hanut u serqulu anke dak id-dokument. Ix-xhud spjega li l-ftehim kien strettament ma Reno Azzopardi u li Joanne Ellul kienet biss takkumpanjah. Ix-xhud qal li mill-valur totali kien thallas biss Lm300 u l-apparat qatt ma rega rah.

**Joseph Borg Cardona xehed fit-12 ta' Jannar 2009 (ara folio 94)** ghan-nom tal-Bank of Valletta fejn ezebixxa statement tal-kontijiet bankarji tal-vittma Saviour Camilleri;

**Audrey Ghigo xehedet fit-12 ta' Jannar 2009 (ara folio 120)** ghan-nom tal-HSBC Malta p.l.c fejn ipprezentat statement tal-kontijiet bankarji tal-vittma Saviour Camilleri;

**Martin Farrugia xehed fit-12 ta' Jannar 2009 (ara folio 148)** fejn spjega li kien hu li biegh il-karozza Ford Escort hamra lill-imputati u lil Saviour Camilleri, pero il-karozza kienu ghamluha fuq isem Joanne Ellul minkejja li l-flus li kienu tmin mija u tmenin euro harighom Saviour Camilleri.

**Brian Farrugia xehed fl-4 ta' Mejju 2009** ghan-nom ta' ADT fejn ikkonferma li vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAO874 kienet irregistrata fuq karozza tal-ghamla Ford Escort tal-kulur ahmar registrata f'isem Joanne Ellul l-imputata.

**Il-Psikjatra Joseph Spiteri fid-29 ta' Ottubru 2014** xehed u spjega li Saviour Camilleri ilu taht il-kura tieghu ghal madwar ghaxar snin. Kien bniedem vulnerabbli u jbaghti minn manic depressive disorder. Ikun hemm perjodi fejn ikun imdejjaq hafna u ghalhekk wiehed jista japprofitta minnu. Mill-aspetti cognitive huwa stabbli u ghalhekk jifhem kollox u ma ghandux problemi ta` komunikazzjoni.

Qieset ukoll iz-zewg sentenzi esebiti a folio 51 u folio 54 moghtija rispettivament fil-konfront ta’ Joanne Ellul u Reno Azzopardi.

Dan hu bazikament dak li rrizulta f’dan il-process.

**Ikkunsidrat**;

Illi in prima linea l-Qorti ser taghmilha cara illi hija sejra tiskarta l-istqarrijiet ta’ l-imputati (esebiti minn folio 42 sa 50) u dana in vista ta’ l-ahhar zviluppi kemm fil-Qrati taghna kif wkoll fil-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-bniedem.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi din il-Qorti tirrileva li f’diversi okkazzjonijet, Saviour Camilleri kien jghaddi l-flus lill-imputati wara talba li kienet issir

lilu. Jekk eventwalment, dawn il-flus ma gewx ritornati, dan ma kienx ifisser li hemm xi azzjoni kriminali da parti ta' l-akkuzati. Hawnhekk, ir-relazzjoni bejn il-protagonisti kellha tibqa wahda ta' dejn civili. U jekk kien hemm xi gideb minn naha taghhom - dawn wehidhom ma kienux bizzejjed biex javvera ruhu r-reat ta' frodi.

Izda certament hemm okkazzjonijet ohra, fejn l-akkuzati, bil-komportament (f'sens wiesgha) taghhom, gew passabbli ghar-reat ta' appropriazzjoni indebita. Meta l-imputati rcievew somom ta' flus minghand Saviour Camilleri, bl-intendiment car li jintuzaw ghax-xiri ta' fond, izda imbaghad l-imputati uzaw tali somom ghax-xiri ta` xi haga ohra, per ezempju, biex jinxtraw xi vetturi – dan ix-xenarju hu wiehed li jindika car li l-akkuzati gew li kisru l-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**;

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ahjar sanzjoni, din il-Qorti sejra tikkunsidra s-segwenti:

1. It-trapass taz-zmien;
2. Il-fatt li l-imputati kienu, fiz-zminijiet *de quo*, afflitti minn problemi socjali kbar – huma t-tnejn kienu dipendenti fuq id-droga b'mod kritiku u li Joanne Ellul kienet ukoll afflitta bil-problema tal-prostituzzjoni;
3. Izda l-Qorti ma tistax tinsa illi huma abbuzaw serjament mill-vulnerabilta ta' Saviour Camilleri; minghajr ma rrifondew xejn mill-flus li rnexxielhom jehdulu, anki jekk il-Qorti temmen bis-shih illi huma qatt ma kienu f'qaghda tali li jistghu jirrifondu lura dak li akkwistaw kontra l-ligi.

**Decide**.

**Ghall-motivi premessi l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 28A, 28B, 31, 293, 308, 309, 310, u 533 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 442, ilkoll tal-Ligijiet ta` Malta, issib u tiddikjara lill-imputati **Joanne Ellul** u **Reno Azzopardi**:

1. Mhux hatja tal-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberhom skond il-ligi;

2. Izda, hatja tat-tieni imputazzjoni u tikkundannhom komplessivament, lil **Joanne Ellul** ghall-piena tal-prigunerija ta' sentejn u nofs u lil **Reno Azzopardi** ghall-prigunerija ta' tlett snin;

3. Illi fil-piena inflitta fuq **Reno Azzopardi** l-Qorti hadet in konsiderazzjoni li huwa kiser l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 u dan il-ksur huwa rifless fil-piena inflitta bis-sentenza tallum;

4. Illi dwar **Joanne Ellul,** l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba, ghall-applikazzjoni fil-konfront taghha, tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana fl-interess tal-principju tal-ekwita` u tas-sens oggettiv tal-gustizzja, in vista tat-trapass taz-zmien.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur